## Mitt sena mill-mewt tal-Kompożitur tal-Marċi Funebri Angelo Melilli

**Michael Balzia**

Nhar it-30 ta' Awwissu, 1913, ġewwa Tuneż miet Mro Angelo Melilli, kompożitur Sqalli li kull min hu midħla tal-Marċi Funebri żgur li sema' bih. Min ma semax bil-Marċ 'Cipresso','Venerdi' Santo' u 'Mesto Ricordo? Min kien dan Melilli u kif rabat ismu mal-Gżejjer Maltin?

Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, bosta kienu dawk is-surmastrijiet tal-mużika barranin l-aktar Taljani u Sqallin li sabu impjieg mal-ftit baned Maltin ta' dak iż-żmien. Fosthom kien hemm is-Surmast Angelo Melilli, Sqalli li bejn is-sena 1898 u dik tal-1912 idderieġa mhux inqas minn tliet baned Maltin: La Vilhena tal-Floriana, S. Filippo ta' Ħaż-Żebbuġ u S. Giorgio tal-Belt ta' Bormla.



*Is-Surmast Angelo Mellili*

Is-Surmast Melilli, ex-direttur ta' waħda mill-Baned Militari Taljani wasal Malta bil-vapur 'L'Isle Adam' minn Tunes nhar it-13 ta' Frar, 1898 flimkien ma' martu Antonietta mwielda Martines minn Terranova (Sqallija) li kien iżżewweġ nhar is-27 ta' April 1889 u ħames uliedu ... Rosaria, Angelo, Maria, Giulia u Salvatore. Fi żmien xahar u nofs, lejn l-aħħar ta' April 1898, il-gazzetta 'Malta' ħabbret li l-Banda 'La Vilhena' kienet akkwistat is-servizzi tas-Surmast Melilli. Matul iż-żmien li Melilli dam surmast-direttur ta' din il-banda, huwa kkompona l-innu 'Inno Nazionale a S.Publio' li għadu jindaqq lejlet il-festa ta' San Publju kull sena sal-lum. F'Settembru 1900, Melilli dderieġa l-Banda Furjaniża fil-Belt ta' Sirakuża. Fl-1 ta' April, 1905, Maestro Angelo Melilli dderieġa din l-istess banda fit-twaqqif mill-ġdid tagħha. Bħala tifkira ħajja ta' dan is-surmast Sqalli, il-Kumitat tal-Banda Vilhena, xi żmien ilu fetaħ sala fl-istess każin ddedikata għall-memorja tiegħu.

Fis-sena 1899, meta Angelo kellu 42 sena twelditlu tifla nhar it-23 ta' Ġunju fil-Floriana u semmewha Concetta. Nhar is-26 ta' Marzu, 1901, twieldet tifla oħra u li ngħatat l-isem ta' Graziulla.

Nicolo' Melilli twieled nhar l-4 ta' Frar, 1903, u tgħammed fit-12 ta' Frar fil-Knisja Parrokkjali u Arċipretali ta' Bormla. Barra dan twieldu żewġtġt itfal oħra għas-Surmast Melilli: Adelina li twieldet nhar l-1 ta' Novembru, 1906 u mgħammda f'Bormla fl-10 tal-istess xahar, u Vittorio, imwieled f'Bormla wkoll fil-5 ta' Marzu, 1909, meta missieru kellu 52 sena u għammduh fl-istess Knisja Parrokkjali ta' Belt twelidu fil-11 tal-istess xahar.

Fis-sena 1901, il-gazzetta 'Malta' nhar id-19 ta' Jannar awgurat lill-Kumitat u d-diriġenti tal-Każin 'S. Giorgio' ta' Bormla għall-akkwist tas-servizzi mużikali tas-Surmast Melilli. Sentejn wara, taħt il-bakketta ta' dan l-abbli surmast, il-Banda Bormliża daqqet f'Sirakuża u ġiet imfaħħra mill-'La Gazzetta di Siracusa' kemm fil-ħarġa tat-23 ta' Awwissu kif ukoll tal-għada. Ma' din il-banda, Melilli dam sakemm ġie sabiex jitlaq minn Malta (minħabba saħħtu), jiġifieri fis-sena 1912. Kienu propju waqt li kien qed jidderieġi din il-Banda ġewwa il-Ġonna tal-Argotti, waqt attivita` bandistika mtellgħa mill-'King's Own Band Club' tal-Belt Valletta li nhar id-8 t'Ottubru 1912 tah attakk ta' puplesija li naqqaslu konsiderevolment l-attivita` mużikali tiegħu. Huwa kien

'wiret' il-bakketta mingħand is-surmast-direttur Paolino Vassallo u għaddieha lis-surmast Carlo Diacono (8 ta' Lulju, 1912). Huwa mexxa l-Banda tal-Belt Cospicua għal ħdax-il sena sħaħ.

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Novembru, 1905, Melilli ddebutta bħala surmast tal-'Filarmonica S. Filippo d'Aggira' ta' Ħaż-Żebbuġ. Għal din il-banda, Maestro Melilli kiteb l-'Inno San Filippo d'Aggira' bil-versi tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila. Għal xi żmien huwa kien mar joqgħod f'Nru 290, Strada Reale, Ħaż-Żebbuġ.

Melilli telaq minn Malta għal Tunes nhar l-14 ta' Ġunju, 1912 mal-vapur Franċiż 'Marechal Bugeaud' flimkien ma' 7 uliedu… Rosina, Maria, Salvatore, Concetta, Grazia, Nicolo' u Vittorio. Reġa' ġie Malta u dam biss ġimgħa… bejn it-12 u d-19 ta' Diċembru, 1912.

Is-Surmast Angelo Melilli, iben Angelo u Rosa Demarco kien twieled f'Licata (Provinċja ta' Agrigento) nhar it-18 ta' Awwissu 1856. L-Awtoritajiet Ċivili Maltin irrikonoxxew l-abiltajiet mużikali ta' dan il-bravu surmast u kompożitur u nhar it-28 ta' Diċembru, 1993, issemmiet triq għalih ġewwa r-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ.

Marċ mill-Banda Vilhena
is-Sibt 27 t'April 2013 biex jitfakkar
il-50 Sena mill-Inkurunazzjoni ta' San Ġużepp tar-Rabat
fi Pjazza San Publju.

Il-marċ jibda fis-7:00pm minn ħdejn il-każin Vilhena
sal-knisja ta' San Publju, isir kxif ta' lapida kommemorattiva fuq iz-zuntier
u wara l-Banda tilqa` lil San Ġużepp mal-ħruġ tiegħu mill-knisja ta' San Publju
sal-Każin Vilhena
Wara jitkompla l-pellegrinaġġ sal-Imdina.

FIRM. LORENZO ELLUL (EST.1881)

IMPORTERS & WHOLESALERS


BAKE-STOVE WITH LID AND IRON GRID
(Borma Forn)

*We supply: Discount Stores, Ironmongeries, Hawkers, Bars, Ship Chandlers, Confectioners, Hotels, Restaurants, Household Goods Stores, Gift Stores, Furnished Flats & Gift Schemes*

St. Thomas Street, Floriana.
Telephone Number—21233641/21220687
Fax—21240729
E-mail—fle1881@gmail.com